

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2018 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL

tas-27 ta' Diċembru 2018

li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael [2019/106]

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra (il-"Ftehim Ewro-Mediterranju"), ġie ffirmat fi Brussell fl-20 ta' Novembru 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000.
- (2) L-Artikolu 69 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael bi tliet snin se taġti l-oportunità lill-Partijiet biex ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni tal-estensjoni.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael

Il-President

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ ĠUL 147, 21.6.2000, p. 3.